A.L. 39 tal-2024

ATT DWAR IL-GOVERNANZA SPORTIVA U L-INTEGRITÀ FL-ISPORT (KAP. 626)

Regolamenti tal-2024 dwar is-Setgħat u l-Obbligi tal-Pjattaforma Nazzjonali għall-Prevenzjoni ta' Korruzzjoni fl-Isport

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 73 tal-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport, il-Ministru responsabbli għall-isport, fuq parir tal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 dwar is-Setgħat u l-Obbligi tal-Pjattaforma Nazzjonali għall-Prevenzjoni ta' Korruzzjoni fl-Isport.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:

"akkademja" tfisser organizzazzjoni ta' natura kummerċjali li jkollha l-iskop li tipprovdi taħriġ lil atleti taħt l-età ta' sittax (16)-il sena bil-għan li tipprovdi atmosfera adegwata għall-iżvilupp tagħhom u bil-għan li tinkoraġġixxi parteċipazzjoni tal-imsemmija minuri f'avvenimenti organizzati mill-organizzazzjonijiet sportivi nazzjonali rispettivi;

"amministratur" għandu jkollha l-istess tifsira kif mogħtija lilha fir-Regolamenti tal-2024 dwar it-Twaqqif u l-Kompożizzjoni tal-Pjattaforma Nazzjonali għall-Prevenzjoni ta' Korruzzjoni fl-Isport;

A.L. 40 tal-2024.

"assoċjazzjoni" jew "assoċjazzjoni nazzjonali" tfisser assoċjazzjoni ta' klabbs fuq livell nazzjonali li jinġabru flimkien għall-fini li jippromwovu sport partikolari jew li jorganizzaw logħob kompetittiv f'dak l-isport;

"Att" tfisser l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport;

Kap. 626.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità għall-Integrità fl-Isport Malti mwaqqfa bl-artikolu 5 tal-Att u kwalunkwe referenza għall-Awtorità f'dawn ir-regolamenti jew f'xi liġi oħra għandha, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, tinftiehem li tinkludi referenza għal kwalunkwe persuna

awtorizzata mill-Awtorità sabiex taġixxi għaliha jew f'isimha;

"federazzjoni" jew "federazzjoni nazzjonali" tfisser assoċjazzjoni li tkun primarjament assoċjazzjoni ta' numru ta' assoċjazzjonijiet tal-istess attività sportiva jew ta' attivitajiet sportivi assoċjati;

"informazzjoni" tfisser kwalunkwe dettall, fatt, rapport, evidenza, data, suspett jew xi informazzjoni oħra rilevanti għal jew li tista' titfa' dawl fuq kwalunkwe investigazzjoni magħmula mill-pjattaforma;

"klabb" tfisser assoċjazzjoni ta' persuni, kemm jekk fil-forma ta' soċjetà ċivili jew soċjetà kummerċjali jew xort'oħra, li fiha persuni jikkostitwixxu lilhom infushom fi jew jiffurmaw parti minn assoċjazzjoni primarjament bil-għan li jinvolvu ruħhom fi jew jorganizzaw attivitajiet sportivi;

"Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-isport;

"organizzazzjoni sportiva" tfisser federazzjoni jew federazzjoni nazzjonali jew assoċjazzjoni jew assoċjazzjoni nazzjonali jew klabb jew fondazzjoni li jkollha l-isport bħala l-għan prinċipali tagħha jew akkademja jew skola sportiva jew kwalunkwe persuna oħra li tkun reġistrata fir-Reġistru ta' Persuni Sportivi tal-Awtorità jew organizzazzjoni li għandha l-isport bħala l-għan prinċipali tagħha u li għal xi raġuni tkun għad mhijiex reġistrata fl-imsemmi Reġistru;

"pjattaforma" tfisser il-Pjattaforma Nazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni fl-Isport imwaqqfa permezz tar-Regolamenti tal-2024 dwar it-Twaqqif u l-Kompożizzjoni tal-Pjattaforma Nazzjonali għall-Prevenzjoni ta' Korruzzjoni fl-Isport;

A.L. 40 tal-2024.

"Regolament (UE) 2016/679" tfisser ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data);

"skola sportiva" tfisser impriża, organizzazzjoni jew intrapriża, ikun min ikun sidha jew min imexxiha, li l-funzjoni prinċipali tagħha tkun li teduka fuq bażi full-time jew part-time f'xi dixxiplina jew dixxiplini sportivi partikolari.

Kap. 593.

(2) It-tifsir preskritt fl-Att dwar il-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni

fl-Isport għandu japplika, *mutatis mutandis*, sakemm mhuwiex inkonsistenti ma' dawn ir-regolamenti.

(3) It-tifsir preskritt fl-Att għandu japplika, *mutatis mutandis*, sakemm mhuwiex inkonsistenti ma' dawn ir-regolamenti.

Operat tal-pjattaforma.

3. Il-pjattaforma għandha topera bil-għan li tilħaq l-objettivi tagħha u tissodisfa l-obbligi skont dawn ir-regolamenti.

Objettivi tal-pjattaforma.

4. L-objettivi prinċipali tal-pjattaforma għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) li tiġbor u tanalizza informazzjoni rilevanti għall-investigazzjonijiet dwar suspett ta' manipulazzjoni ta' avvenimenti sportivi u li taqsam l-informazzjoni ma' entitajiet nazzjonali u internazzjonali oħra ta' natura simili skont dawn ir-regolamenti u l-Att dwar il-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni fl-Isport; Kap. 593.

(b) li tanalizza allerti li joħorġu minn sistemi ta' monitoraġġ tal-imħatri u pjattaformi oħra li l-funzjoni tagħhom tinkludi li jaqbdu attivitajiet ta' imħatri suspettużi;

(ċ) li taġixxi bħala ċentru tal-informazzjoni;

(d) li tassisti lill-pulizija u lill-organizzazzjonijiet sportivi fil-produzzjoni ta' provi li joħorġu mill-informazzjoni miġbura għall-fini ta' prosekuzzjoni ta' każijiet kriminali kif ukoll ta' proċeduri dixxiplinarji ta' natura sportiva rispettivament.

Obbligi tal-pjattaforma.

5. Il-pjattaforma għandha tiżgura li:

(a) isservi ta' ċentru għall-ġbir, analiżi u verifika ta' informazzjoni u d-disseminazzjoni ta' informazzjoni relatata ma' imħatri sportivi bil-għan li tipproteġi l-isport minn attività kriminali, kriminalità organizzata u korruzzjoni;

(b) iżżomm ruħha aġġornata ma' metodoloġiji kontemporanji użati għall-isfruttament tal-industrija tal-imħatri u l-logħob, inkluż theddid minn pjattaformi ta' imħatri mhux regolati u tipprovdi pariri esperti dwar tali sfruttament u theddid emerġenti għall-organizzazzjonijiet sportivi;

(ċ) tiżviluppa stampa ġenerali tal-fenomenu tal-immanipular ta' avvenimenti u riżultati sportivi permezz ta' monitoraġġ u studji dwar ir-riskji involuti;

(d) tirċievi informazzjoni dwar imħatri irregolari u suspettużi mpoġġija fuq avvenimenti sportivi Maltin u

avvenimenti organizzati f'Malta u fejn neċessarju, tavża bil-quddiem lill-pulizija u lill-federazzjoni jew assoċjazzjoni nazzjonali rispettivi;

(e) tikkomunika informazzjoni permess tal-kontrollur inkluż data personali lill-awtoritajiet tal-infurzar, kwalunkwe awtorità internazzjonali dwar il-governanza fl-isport, għall-iskopijiet ta' qbid, investigazzjoni u prosekuzzjoni ta' reati kriminali u sabiex tieħu kwalunkwe azzjoni dixxiplinarja kif meħtieġ;

(f) ittejjeb il-qsim ta' informazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet interessati varji u tieħu l-aħjar azzjoni possibbli bil-għan li taqbad sinjali inizjali ta' frodi u mġiba suspettuża oħra rilevanti għall-ġlieda kontra l-manipulazzjoni ta' avvenimenti u riżultati sportivi u l-prevenzjoni u r-ripressjoni ta' dawk l-atti li jistgħu jirriżultaw fi ksur ta' dawn ir-regolamenti u tal-Att dwar il-Prevenzjoni tal-Korruzzjoni fl-Isport, permezz ta' network ta' kuntatti u mezzi ta' komunikazzjoni;

Kap. 593.

(g) tenfasizza l-prevenzjoni, l-edukazzjoni u l-qsim ta' informazzjoni sabiex tipprevjeni, issib u tiġġieled il-manipulazzjoni fl-isport filwaqt li tippromwovi l-irwol tal-pjattaforma mal-pubbliku in ġenerali;

(h) tassisti lill-Awtorità fil-pubblikazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet, politiki u prattiċi rakkomandati;

(i) tieħu l-inizjattivi kollha neċessarji sabiex tiżgura l-implimentazzjoni effettiva tal-politiki u l-istrateġiji kontra l-manipulazzjoni ta' avvenimenti sportivi u l-korruzzjoni fl-isport mill-organizzazzjonijiet konċernati;

(j) tikkollabora ma' organizzazzjonijiet sportivi involuti fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fl-isport u l-manipulazzjoni ta' riżultati sportivi;

(k) tikkollabora ma' awtoritajiet u organizzazzjonijiet lokali u internazzjonali, inkluż istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, pajjiżi oħra u pjattaformi oħra sabiex tagħti u tirċievi prattiċi tajbin u assistenza teknika bil-għan li tiġġieled il-korruzzjoni fl-isport u l-manipulazzjoni ta' riżultati sportivi;

(l) tkun aċċessibbli permezz ta' mezzi ta' komunikazzjoni, inkluż sit elettroniku interattiv fejn il-pubbliku ġenerali jista' jirrapporta kwalunkwe għemil ħażin kif ukoll fejn tikseb informazzjoni għall-iskop ta' edukazzjoni;

(m) tagħmel ħilitha sabiex tippromwovi l-isport bħala mezz ta' għaqda fil-komunità.

Kuntratti u arranġamenti formali oħra.

6. Il-pjattaforma għandha tiffirma ftehimiet ta' kooperazzjoni u arranġamenti formali oħra ma' partijiet involuti fil-ġlieda kontra l-manipulazzjoni ta' riżultati sportivi u l-korruzzjoni fl-isport bil-għan li jkun hemm kooperazzjoni reċiproka mal-pjattaforma kif ukoll qsim ta' informazzjoni relatata ma' każijiet speċifiċi u suspetti ta' manipulazzjoni jew korruzzjoni.

Laqgħat tal-membri tal-pjattaforma.

7. (1) Il-membri tal-pjattaforma għandhom jiltaqgħu mill-inqas minn sitt (6) darbiet fis-sena bil-għan li jiddiskutu l-operat tal-pjattaforma kif ukoll sabiex jirrappurtaw lill-membri l-oħra tal-pjattaforma x'qed tagħmel kull organizzazzjoni għall-kisba tal-funzjonijiet u l-objettivi tal-pjattaforma.

(2) Meta jiġi sottomess rapport jew jitqajjem suspett permezz ta' monitoraġġ li avveniment jew riżultat sportiv speċifiku ġie manipulat jew li hemm korruzzjoni fi sport speċifiku, il-membri għandhom jiltaqgħu sa mhux aktar tard minn erbat (4) ijiem mid-data meta r-rapport ġie sottomess jew meta tqajjem is-suspett permezz tal-imsemmi monitoraġġ.

Rapport annwali.

8. Rapport annwali għas-sena preċedenti għandu jiġi kumpilat u ppreżentat lill-Kamra kif ukoll ippubblikat bil-għan li l-istadji importanti milħuqa mill-pjattaforma jkunu magħmula disponibbli għall-pubbliku, sa mhux aktar tard minn Ġunju tas-sena meta jiġi ppreżentat ir-rapport.

Laqgħat annwali f'forma ta' forum u assemblea nazzjonali.

9. Il-pjattaforma tista' torganizza assemblea ġenerali nazzjonali u forum nazzjonali dwar l-istrateġija nazzjonali sabiex tippreżenta l-kisbiet tagħha lill-federazzjonijiet u assoċjazzjonijiet nazzjonali. L-imsemmija assemblea ġenerali nazzjonali u forum nazzjonali għandhom iservu sabiex iqajmu għarfien dwar il-pjattaforma u l-irwol tagħha fl-isport.

Sit interattiv u l-irwol tal-amministratur.

10. (1) Il-pjattaforma għandu jkollha sit interattiv li primarjament għandha tirċievi kwalunkwe informazzjoni dwar il-manipulazzjoni ta' riżultati sportivi u korruzzjoni fl-isport.

(2) Għandu jkun hemm amministratur tal-pjattaforma li l-irwol tiegħu għandu jkun li:

(a) jibgħat allert lill-membri kollha tal-pjattaforma meta tiġi sottomessa informazzjoni relatata ma' suspett jew investigazzjoni fuq is-sit interattiv; u

(b) jorganizza minnufih il-laqgħa tal-membri.

(3) L-amministratur tal-pjattaforma għandu jorganizza wkoll il-laqgħat kollha kontemplati f'dawn ir-regolamenti kif ukoll iżomm b'mod organizzat l-informazzjoni kollha sottomessa lill-pjattaforma.

Informazzjoni mingħand partijiet terzi.

11. Il-pjattaforma għandha tirċievi l-informazzjoni kollha mingħand il-membri tagħha kif ukoll minn partijiet terzi interessati li magħhom ikollha arranġamenti ta' qsim ta' informazzjoni. L-imsemmija informazzjoni għandha tiġi analizzata mill-amministratur u mibgħuta lill-membri kollha tal-pjattaforma.

Protezzjoni tad-data.

Kap. 586.

12. (1) L-ebda ħaġa f'dawn ir-regolament ma għandha tippreġudika l-applikabbilità tar-Regolament (UE) 2016/679, id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data u r-regolamenti magħmula taħtu u d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tas-suġġetti tad-data.

(2) Il-pjattaforma u l-amministratur li jaġixxu fil-kapaċità tagħhom bħala kontrolluri skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 għandhom iwettqu l-operazzjonijiet rilevanti tal-ipproċessar ta' data li huma limitati sal-punt meħtieġ u proporzjonati għall-objettivi li l-pjattaforma timmira għalihom.

Spejjeż amministrattivi.

13. L-ispejjeż amministrattivi kollha tal-pjattaforma għandhom jinqasmu b'mod ugwali mill-membri tagħha.